MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 465/2008

**L-Avukat Dottor Patrick J. Galea bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Casato Srl**
**Vs**
**L'Orafo Limited (C 20443)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-attur nomine fis-7 ta' Mejju, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta' Casato srl socjeta bbasata gewwa Ruma, l-Italja hija fornitrici ta' gioielleria. L-istess socjeta' forniet f'istanzi diversi lil L'Orafo Limited oggetti ta' Gioielleria li l-valur komplessiv taghhom kien originarjament jammonta ghal mija u tlieta u tletin elf tmien mija u tmienja u hamsin Ewro u erbghin centezmu (€ 133,858.40), u dan skond ir-rendikont anness u mmarkat Dok PJG 1;

Illi minn dan l-ammont thallset is-somma ta' tlett elef tliet mija u tmenin Ewro u erbghin centezmu (€ 3, 380.40) u kien ghad fadal jithallas bilanc ta' mija u tletin elf erba' mija u tmienja u sebghin Ewro (€ 130, 478.00). Sussegwentement is-socjeta' intimata rritornat merkanzija ghall-valur ta' sittin elf sitt mija u erbgha u hamsin Ewro (€ 60, 654.00);

Illi ghad fadal jithallas bilanc ta' disgha u sittin elf tmien mija u erbgha u ghoxrin Ewro (€ 69, 824.00);

Illi nonostanti diversi interpellanzi, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti; Id-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u sa fejn jaf ir-rikorrenti, is-socjeta' intimata ma ghandiex eccezzjonijiet validi x'taghti kontra t-talba u japplikaw l-Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lis-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddispensa mis-smigh tal-kawza u tilqa' minnufih t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti;
2. tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' esponenti l-ammont ta' disgha u sittin elf tmien mija u erbgha u ghoxrin Ewro (€ 69,824.00) flimkien ma l-ispejjez u imghaxijiet mid-data tal-fattura;
3. tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas imghaxijiet mid-data tal-fattura bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 26 A sa 26 E tal-kodici kummercjali;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata illi hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u in-nota tax-xhieda ta’ l-attur nomine;

Rat ix-xiehda ta’ Sandro Azzopardi ghas-socjeta konvenuta li inghatat fis-seduta tat-18 ta’ Gunju, 2008, fejn ammetta it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi mix-xhieda illi ta l-imsemmi Sandro Azzopardi, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat gew ammessi;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine s-somma ta' disgha u sittin elf tmien mija u erbgha u ghoxrin Ewro (€ 69,824.00) flimkien ma l-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------